**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 25 ta' Jannar, 2023**

**Rikors Revoka Nru: 930/2022 AF**

Fl-Atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1255/22 AF fl-ismijiet:

**Ivan Cini**

**vs**

**SYS Malta Holding Ltd (C-71997)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' SYS Holding Limited, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, din il-Qorti ntalbet:

1. Tirrevoka *in toto* il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju surreferit skond il-provvedimenti tal-Artikolu 836(1)(d) ikkwotat fis-suespost.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ta' Ivan Cini.

Rat id-dokument anness.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura, SYS Malta Holding Limited qed tittenta thassar mandat kawtelatorju mahrug fil-konfront taghha minn Ivan Cini sabiex l-istess Cini jikkawtela kreditu li jsostni li jgawdi fil-konfront ta' SYS Malta Holding Limited ghall-hlas ta' servizzi professjonali minnu rezi. SYS Malta Holding Limited issejjes it-talba taghha fuq l-Art. 836(1)(d) li testwalment jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju:

> *"jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv."*

Il-Qorti qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati fil-kuntest u tirreferi fost ohrajn ghas-sentenza Camilleri vs Govè (10 ta' Mejju 2001):

> *"illi … jinghad … li mid-disposizzjoni tal-istess artiklu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta'*

*procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

Imbaghad, fis-sentenza Callus vs Cassar (21 ta' April 2014), din il-Qorti diversament presjeduta tenniet illi:

*"mkien ma huwa mitlub fil-ligi li l-kreditur ezekutant ta' mandat kawtelatorju irid ta' bilfors iressaq ukoll xi dokumenti li juru jew isahhu t-talba. Dak li titlob il-ligi huwa li r-rikorrenti, bil-gurament tieghu, jsemmi x'inhu l-origini tad-dejn u, la darba l-pretensjoni hija dwar dejn jew talba li tkun sodisfatta bi hlas ta' ammont ta' flus, "l-ammont li ghalih tammonta t-talba". (ara artikolu 831 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).*

Aktar ricenti, din il-Qorti diversament presjeduta wkoll iddikjarat fid-decizjoni 100 The Whitehouse Limited vs AG Installations (09 ta' Awwissu 2022):

*"Fi procedura marbuta ma' talba ghat-tnehhija ta' mandat kawtelatorju, xoghol il-qorti mhuwiex li tghid min ghandu ragun fil-mertu bejn il-paritjiet kontendenti. Mod iehor, xoghol il-qorti fil-hrug jew fiz-zamma ta' mandat kawtelatorju huwa li tara jekk l-ammont indikat fil-mandat ta' sekwestru huwiex wiehed li ragonevolment jirrifletti l-ammont tal-pretensjoni (ara Stewart Desmond Stanley v. Therese Mangion Galea deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Lulju, 2005 u Avv J.J. Vella noe v. Eden Irish Aircraft Leasing MS 204 Limited et deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Dicembru, 2012)."*

Applikati dawn il-principji ghall-procedura li ghandha quddiemha, l-Qorti ssib li l-lanjanza ta' SYS Malta Holding Limited mhijiex, f'dan l-istadju gustifikata. Mhuwiex tenut f'dan l-istadju, jissostanzja l-pretensjoni tieghu. Ivan Cini jiddikjara li ppresta servizzi li ma giex imhallas ghalihom. Il-Qorti ma tistax hawnhekk tmur oltre. Jekk il-pretensjoni tieghu ma tinkwadrax fit-termini tal-kuntatt tal-ingagg tieghu, hija kwistjoni mhollija ghall-kawza. Kif inghad diversi drabi minn dawn il-Qrati, kreditur ma ghandux leggerment jiccahhad mill-

jedd li jikkawtela l-pretensjoni tieghu b'kull mezz li tipprovdilu l-ligi.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' SYS Malta Holding Limited kif kontenuta fir-rikors taghha tat-12 ta' Ottubru 2022.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu mibdija minn Ivan Cini.

IMHALLEF